# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum l-Erbgha 5 ta' Ġunju, 2024

**Rikors Ġuramentat Nru.: 567/2020 MH**

**Numru:**

**Brian Buttigieg u Joanne Cutajar**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tal-10 ta' Lulju 2020** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

1. *Illi l-esponenti kienu gew akkuzati talli:*

i) *ikkonvertew jew ittrasferew propjeta' meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta'*

*ii) attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew Skopijiet ta' habi jew wiri haga b' ohra ta' l-origini tal-propjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f' attivita' kriminali;*

*iii) hbew jew wrew haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta', meta kienu jafu jew issuspettew li dik il-propjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament min attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita' kriminali;*

*iv) akkwistaw, ippussesaw jew uzaw propjeta' meta kienu jafu jew issuspettaw li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita' kriminali;*

*v) bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' propjeta' meta kienu jafu jew issuspettaw li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita' kriminali;*

*vi) ittentaw jaghmlu l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;*

*vii) agixxew bhala komplici fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;*

*Filwaqt li fir-rigward tal-esponent Brian Buttigieg wahdu, gie akkuzat:*

*U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi approprija ruhhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew*

*ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu, l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-dannu tal-Kumpanija Farsons Group Food Chain Restaurant, u l-istess haga giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;*

*U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Kumpanija Farsons Group Food Chain Restaurant;*

*U aktar talli bi hsara ta' haddiehor u cioe tal-Kumpanija Farsons Group Food Chain Restaurant ghamel qliegh iehor b 'qerq, mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ikkometta serq, minn gewwa l-fond KFC Gzira, li sar ghad-detriment ta' l-amministraturi ta' l-istess fond u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37), bil-persuna, u bil-hin;*

*Il-Qorti gie mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-ArtikoIu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.*

*Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-14 ta' Gunju 2017 (ara Dok. 'A'), dik il-Qorti ddecidiet:*

*Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, u fir-rigward ta' Brian Buttigieg anke l-artikoli 17, 18, 23, 31, 293, 294 u 310 (1)(a)186 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ssib l-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, u tikkundanna lil Brian Buttigieg ghal 4 snin prigunerija u multa ta' €30,000, filwaqt li tikkundanna lil Joanne Cutajar ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal 4 snin kif ukoll multa ta' €20,000.*

*Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-kaz, kif ukoll tal-propjetà mobbli u mmobbli tal-imputati kif stipulat fl-Artikolu 3(5) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Inoltrè wara li rat l-artikolu 532A tal-KapitoIu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hatja jhallsu issomma ta' €59,896 fi zmien tlett snin lill-parte leza.*

*F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.*

*Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputati jhallsu lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €2,725.80 bejniethom, rapprezentanti spejez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien sentejn.*

*3. Illi nhar l-20 ta' Gunju 2017, l-esponenti appellaw minn din is-sentenza. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ddecidiet dan l-appell nhar il-25 ta' Frar 2020 (ara Dok. 'B') u fis-sentenza taghha kkonkludiet:*

*Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell ta' Brian BUTTIGIEG u Joanne CUTAJAR in parte, u filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata:*

*a. f'dik il-parti taghha fejn, kwantu ghal dak li jirrigwarda lil BUTTIGIEG, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet in kwantu gew kontestati lilu bhala imputazzjonijiet alternattivi ghat-tieni imputazzjoni;*

*b. kif ukoll fejn sabet lil-BUTTIGIEG hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu, kif ukoll f'dik il-parti fejn sabet lil CUTAJAR hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha;*

*c. u wkoll f'dik il-parti li ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-każ kif ukoll tal-proprjeta mobbli u immobbli tal-imputati;*

*thassarha:*

*d. f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Brian BUTTIGIEG ghall-piena ta' erba' snin prigunerija u multa ta' tletin elf euro (€30,000) u*

e. *fejn ikkundannat lil Joanne CUTAJAR ghall-piena ta' sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal erba' snin kif ukoll ghal multa ťghoxrin elf euro (€20,000),*

f. *f'dik il-parti fejn ikkundannathom ihalsu €59,896 fi zmien tliet snin lil parte lesa u li fil-każ li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx dan ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-Ligi;*

g. *kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lilI-BUTȚIGIEG u lil CUTAJAR sabiex ihalsu lir-Registratur l-ispejjeż fl-ammont ta' €2, 725.80 bejniethom;*

*u minflok:*

h. *tikkundanna lil Brian BUTTIGIEG ghall-piena ta' tliet snin prigunerija u multa ta' ghoxrin elf euro (€20,000);*

i. *tikkundanna lil Joanne CUTAJAR ghall-piena ta' tmintax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospiżi ghal erba' snin kif ukoll ghal multa ta' tnax il-elf euro (€12,000) u dan wara li l-Qorti tat lill-imputat Joanne CUTAJAR l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

j. *u safejn mhux mibdula kif imsemmi aktar il-fuq, tikkonferma s-sentenza fil-kumplament.*

4. *Illi konsegwentement, l-ordni maghmulha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn ordnat: "l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-kaz, kif ukoll tal-propjetà mobbli u mmobbli tal-imputati kif stipulat fl-Artikolu 3(5) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta'*

*Malta" saret finali billi l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ma hassritx jew varjat tali ordni.*

5. *Illi matul il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet thejjiet relazzjoni tal-assi u proprjetà tal-esponenti minn Dr. Seychell Navarro.*

6. *Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li l-proprjetà mobbli u mmobbli milquta mill-ordni ta' konfiska li huma profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht il-Kap. 373 u lanqas huma proprjetà akkwistata jew miksuba direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.*

7. *Illi l-esponenti minn dejjem kellhom impjieg u dhul legittimu u ghalhekk, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, il-proprjetà tal-esponenti, b'mod partikolari l-proprjetà bl-indirizz Mandalay Court, Flat 3, Triq Haz-Zebbug, Attard ma gietx akkwistata b'konsegwenza ta' xi ghemil bi ksur tal-Kap. 373, u konsegwentement ghandha tigi rilaxxata.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

**1.** *Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh entro t-terminu stabbilit ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta;*

**2.** *Tiddikjara illi kull proprietà mobbli jew immobbli kkonfiskata mill-esponenti, b'mod e partikolari fejn giet ikkonfermata l-konfiska tal-appartament Mandalay Court, Flat 3, Triq Haz-Zebbug, Attard permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ta' nhar il-25 ta' Frar 2020, liema sentenza hi res judicata, ma humiex profitti jew qliegh mill-ghemil ta' xi reat taht l-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas*

*proprjetà akkwistata direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk u dan ai termini tal-Artikolu 3 et seq tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta;*

**3.** *Tirrevoka l-ordni ta' konfiska tal-assi mobiljari u immobiliari fil-konfront taghhom, b'mod partikolari fejn giet ikkonfermata l-konfiska tal-appartament Mandalay Court, Flat 3, Triq Haz-Zebbug, Attard u 1-vetturi tal-ghamla SEAT bin-numru ta' registrazzjoni DBG-232 u permezz tas-sentenza tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ta' nhar il-25 ta' Frar 2020.*

**4.** *Tordna n-notifika ta' dini s-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lid-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija**[1] **tal-5 t'Awwissu 2020**[2] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *Illi in linea preliminari, l-esponent jecepixxi illi l-atturi ghandhom jiddikjaraw qabel kollox x'relazzjoni konjugali jew guridika hemm bejniethom. Dan qieghed jigi eccepit stante illi fir-rikors promotur m'hemmx mfisser lil min tappartjeni l-propjeta' li fuqa qed jigi mitlub ir-rilaxx mill-atturi. Huwa sintomatiku li dina l-Onorabbli Qorti tordna r-rilaxx favur attur illi huwa sid ta' wiehed jew aktar mill-assi in kwistjoni, u mhux favur l-atturi kollha una volta dawn ma jkunux s-sidien in kwistjoni;*

[1] Fol 98 et seq
[2] Fol 89

2. *Illi fir-rigward tal-mertu, jehtieg li l-atturi jgibu prova konkreta u sodisfacenti li l-provenjenza tal-oggetti li taghhom qed jitolbu ir-rilaxx mhix rizultati ta' profit jew dhul mill-ghemil tar-reat li taghhom l-atturi instabu hatja jew propjeta' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profiti jew dhul mill-ghemil ta' reat';*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat ukoll li l-atturi kellhom jehmzu mar-rikors id-dokumenti kollha sabiex jipprovaw l-kaz taghhom ai termini tal-artikolu 7(3) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu jigi rilevat li l-prova tal-provenjenza lecita ta` din il-proprjeta` u l-akkwist lecitu taghha tispetta lill-atturi;*

5. *Illi fi kwalunkwe kaz u peress li f`dan l-istadju l-atturi ma gabux provi ezawrjenti dwar il-lecita` tal-proprjeta` in kwistjoni, l-esponent jirrileva li r-rikors promotur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-esponent jopponi l-akkoljiment tat-talbiet tal-atturi;*

6. *Illi in vista tas-suespost it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponent ikollu l-opportunita` li jikkontrolla l-provi tal-atturi u x-xhieda li elenkaw fir-rikors u wara li jinghata lilu l-opportunita` li jivverifika d-dokumenti li l-atturi kien obbligat jehmez mal-istess rikors kif inghad qabel.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet imressqa minnhom.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna r-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti sabiex tirrevoka l-ordni ta' konfiska tal-proprjeta' tagħhom li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Brian Buttigieg u Joanne Cutajar* deċiża fil-25 ta' Frar 2020[3] li varjat parzjalment is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża fl-14 ta' Ġunju 2017[4].

Fil-qosor, l-atturi odjerni kienu ġew akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xahar t'Ottubru 2012 u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-isetss dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għamlu reat ta' *money laundering* ai termini tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-attur Brian Buttigieg waħdu ġie akkużat ukoll bir-reat ta' approprijazzjoni indebita, truffa, frodi innominata u serq kwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-ħin.

---

[3] Fol 50 et seq

[4] Fol 8 et seq

Il-Qorti f'dawk l-istess proċeduri kienet giet mitluba wkoll fost oħrajn sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-disposizzjonijet tal-Artikoli 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ikkonstatat ukoll is-somma ta' €59,896 bħala l-ammont tar-rikavat provenjenti mir-reati mwettqa.

Permezz ta' sentenza datata 14 ta' Ġunju 2017 dik il-Qorti ddeċidiet illi wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u fir-rigward ta' Brian Buttigieg anke l-artikoli 17, 18, 23, 31, 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Buttigieg u lil Cutajar ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom, u ikkundannat lil Brian Buttigieg għal erba' snin priġunerija u multa ta' tletin elf euro (€30,000) filwaqt li kkundannat lil Joanne Cutajar għal sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' snin kif ukoll għal multa ta' għoxrin elf euro (€20,000).

Il-Qorti tal-Maġistrati ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-każ kif ukoll il-proprjeta mobbli u immobbli tal-imputati kif stipulat fl-artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre kkundannat ukoll lill-ħatja sabiex iħalsu s-somma ta' disa' u ħamsin elf, tminn mija sitta u disgħin euro (€59,896) fi żmien tliet snin lill-parti leża, b'dan li fil-każ li tali ammont jew parti minnu ma jitħallasx kif ordnat, dan għandu jiġi konvertit fi priġunerija fit-termini tal-Liġi.

Finalment ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali dik il-Qorti ordnat lill-ħatja jħallsu bejniethom lir-Reġistratur is-somma ta' elfejn seba' mija ħamsa u għoxrin euro, tmenin ċenteżmu (€2,725.80), rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti liema ħlas kellu jsir fi żmien sentejn.

Buttigieg u Cutajar appellaw minn dik is-sentenza u fil-25 ta' Frar 2020 il-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet li tilqa' l-appell ta' Brian Buttigieg u Joanne Cutajar *in parte*, u filwaqt li kkonfermat is-sentenza appellata -

a. f'dik il-parti tagħha fejn, kwantu għal dak li jirrigwarda lil Buttigieg, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet in kwantu ġew kontestati lilu bħala imputazzjonijiet alternattivi għat-tieni imputazzjoni;

b. kif ukoll fejn sabet lil Buttigieg ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll f'dik il-parti fejn sabet lil Cutajar ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha;

c. u wkoll f'dik il-parti li ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-każ kif ukoll tal-proprjeta mobbli u immobbli tal-imputati;

ħassritha –

d. f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Brian Buttigieg għall-piena ta' erba' snin priġunerija u multa ta' tletin elf euro (€30,000) u

e. fejn ikkundannat lil Joanne Cutajar għall-piena ta' sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal erba' snin kif ukoll għal multa t'għoxrin elf euro (€20,000),
f. f'dik il-parti fejn ikkundannathom iħallsu €59,896 fi żmien tliet snin lil parte lesa u li fil-każ li tali ammont jew parti minnu ma jitħallasx dan għandu jiġi konvertit fi priġunerija ai termini tal-Liġi;

g. kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-Buttigieg u lil Cutajar sabiex iħalsu lir-Reġistratur l-ispejjeż fl-ammont ta' €2725.80 bejniethom;

u minflok -

h. ikkundannat lil Brian Buttigieg għall-piena ta' tliet snin priġunerija u multa ta' għoxrin elf euro (€20,000);

i. ikkundannat lil Joanne Cutajar għall-piena ta' tmintax il-xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal erba' snin kif ukoll għal multa ta' tnax il-elf euro (€12,000) u dan wara li l-Qorti tat lill-imputat Joanne Cutajar l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

j. u safejn mhux mibdula kif imsemmi aktar il-fuq, ikkonfermat is-sentenza fil-kumplament.

Il-Qorti ssottolineat ukoll fis-sentenza li jibqa' impreġudikat id-dritt tal-ħatja konfiskandi li jipproċedu ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

In segwitu għall-proċeduri kriminali, l-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni *ai termini* tal-Att kontra *Money Laundering* (Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jitolbu r-revoka tal-Ordni ta' konfiska fuq tlett assi –

**1. L-appartament numru 3, Mandalay Court, Triq Ħaż-Żebbuġ, Attard**

**2. Il-vettura Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni EBT 401**

**3. Il-vettura Seat Cordoba bin-numru ta' reġistrazzjoni DBG-232**

**L-artikolu 7 tal-Kap 373** jipprovdi hekk fl-ewwel żewġ sub-artikoli tiegħu (kif viġenti fl-epoka li nbdiet il-kawża) -

*"(1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 3(5), il-persuna misjuba ħatja u kull persuna oħra li jkollha interess tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul minn ksur tal-artikolu 3 jew b'xi mod ieħor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta' money laundering, u lanqas proprjetà, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.*

*(2) Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konklużiva."*

Il-Qorti tirrileva li –

- Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ngħatat fil-25 ta' Frar 2020 filwaqt li l-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni fl-10 ta' Lulju 2020. Għalkemm kienu skadew it-tlett xhur minn dak stipulat fis-subartikolu 2 appena ċitat, terminu dekandenzjali, dan kien dovut għas-sospensjoni tat-termini ġudizzjarji u legali fi żmien il-pandemija tal-Covid-19 bis-saħħa ta' numru ta' Avviżi Legali ewlenin fosthom l-A.L. 61 tal-2020 maħruġ fit-13 ta' Marzu 2020 intitolat Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali), l-A.L. 65 tal-2020 maħruġ fit-13 ta' Marzu 2020 intitolat Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja, A.L. 84 tal-2020 maħruġ fit-18 ta' Marzu 2020 intitolat

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) u l-A.L. 176 tal-2020 maħruġ fit-2 ta' Mejju 2020 intitolat Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) (Emenda Nru. 2);

- Is-sospensjoni tal-ħinijiet ġudizzjarji u legali ġiet revokata permezz tal-A.L. 243 tal-2020 tal-15 ta' Ġunju 2020 intitolat It-Tieni Regolamenti tal-2020 dwar Revokar li stabilixxa d-data tat-30 ta' Ġunju 2020 għad-dħul fis-seħħ tal-istess regolamenti;

- B'hekk ir-rikors ġuramentat odjern mhuwhiex *fuori termine* stante li sbatax -il jum biss wara l-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, t-terminu ta' tlett xhur ġie sospiż, imbagħad l-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni għaxar t'ijiem biss wara li s-sospensjoni tat-termini ġiet revokata;

- Ukoll, waqt is-seduta tal-5 t'Awwissu 2020 il-partijiet qablu li din il-Qorti m'għandhiex tkun marbuta bit-termini ta' żmien indikati fl-artikolu 7 tal-Att imsemmi[5].

**<u>Eċċezzjoni preliminari</u>**

**Fl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija** jingħad li l-atturi għandhom jiddikjaraw x'relazzjoni konjugali jew ġuridika hemm bejniethom. Dan stante illi fir-rikors promotur m'hemmx mfisser lil min tappartjeni l-propjeta' li fuqha qed jiġi mitlub ir-rilaxx mill-atturi. Dan il-konvenut sostna

[5] Fol 125

wkoll li huwa sintomatiku li dina l-Onorabbli Qorti tordna r-rilaxx favur attur illi huwa sid ta' wiehed jew aktar mill-assi in kwistjoni, u mhux favur l-atturi kollha una volta dawn ma jkunux s-sidien in kwistjoni.

Mill-atti jirriżulta li l-atturi ilhom f'relazzjoni sa mis-sena 2010 u flimkien għandhom tifla ta' ħdax -il sena.

Inoltre dwar l-assi mertu tal-proċeduri odjerni, irriżulta wkoll li –

i) L-atturi huma komproprjetarji tal-appartament ġewwa Ħ'Attard;
ii) Il-vettura Nissan Qashqai hija reġistrata fuq l-attriċi Joanne Cutajar
iii) Il-vettura Seat Cordoba hija reġistrata fuq l-attur Brian Buttigieg

Kwindi, fl-eventwalita' li jintlaqgħu it-talbiet attriċi, jew liema minnhom, ma hemmx diffikulta' dwar min hu s-sid tal-assi rispettivi.

**L-eċċezzjoni hija għalhekk sorvolata u l-Qorti sejta tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.**

**Mertu**

**L-ewwel talba tal-atturi** hija sabiex ir-rikors odjern jiġi appuntat entro t-terminu stabbilit fl-artikolu 7 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Skont l-artikolu 7 (4) tal-Att imsemmi kif viġenti fl-epoka tal-intavolar tal-kawża, tali kawżi għandhom jiġu appuntati għas-smiegħ mhux aktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur.

Kif ingħad, il-kawża odjerna ġiet preżentata fl-10 ta' Lulju 2020 filwaqt li ġiet appuntata sitta u għoxrin jum wara u ċioe' fil-5 t'Awwissu 2020 u kwindi din it-talba ġiet sorvolata.

**Il-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.**

**Fit-tieni talba,** l-atturi qegħdin jitolbu r-revoka tal-ordni tal-konfiska fir-rigward tal-assi fuq imsemmija stante li fil-fehma tiegħu huwa m'akkwistawhomx direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul mir-reati li tagħhom instabu ħatja.

Minn naħa tiegħu l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jisħaq fl-eċċezzjonijiet tiegħu fost oħrajn li huma r-rikorrenti li jridu jġibu prova konkreta u sodisfaċenti li l-provenjenza tal-oġġetti li tagħhom qiegħed jintalab ir-rilaxx mhijiex ġejja mill-għemil tar-reati in kwistjoni.

Ingħad hekk minn din il-Qorti diversament preseduta dwar proċeduri simili ai termini tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta) fil-kawża fl-ismijiet **Steven Micallef vs Avukat Ġenerali et deċiż fis-26 ta' Ġunju 2018** –

*"Illi kif ritenut fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim Awla fl-ismijiet Nazzarene Muscat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, datata d-29 ta' Settembru 2009 u konfermata f'Appell fis-7 ta' Awwissu 2013, f'kazijiet bhal dawk in dizamina:*

*… il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta'*

*ghejxien [ara wkoll Nazzareno Abela vs Kummissarju tal-Pulizija, PA 06/10/2005]*

*Illi l-oneru tal-prova rikjest jinkombi fuq min jallegah, f'dan il-kaz, ir-rikorrent.*

*Hu mixhut fuq l-attur li ghandu dmir jipprova li l-oggett bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma ghandu xi forma ta' konnessjoni mar-reat taht dik l-Ordinanza jew mal-lucri ta' dak ir-reat, [Alex Saliba vs Avukat Generali noe et, App 29/05/2009].*

*Issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet Anthony Seychell vs Kummissarju tal-Pulizija, App 01/07/2014, fejn gie enuncjat illi:*

*... f'kawza ta' din ix-xorta, huwa l-attur li jrid jipprova li l-oggetti in kwistjoni ma jkollhomx rabta mar-reat li tieghu instab hati u li l-provenjenza taghhom hija kollha kemm hi lecita. In oltre, kif qalet din il-Qorti fil-kawza Bajada et vs L-Avukat Generali et deciza fit-28 ta' Marzu, 2014, 'il-prova trid tkun wahda cara u konkludenti, anke jekk il-grad ta' perswazjoni huwa biss fuq bazi ta' probabbilita' (ara wkoll Abela vs Kummissarju tal-Pulizija, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru, 2005)."*

Fi proċeduri oħra ukoll ai termini tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta fil-kawża fl-ismijiet **Darren Aquilina vs Kummissarju tal-Pulizija deċiża fis-26 ta' Frar 2019** kompla jingħad hekk -

*"Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Elton Brincat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija*** *datata 30 ta' Ġunju 2011:*

*"Qari tal-artikolu 22(3A)(d) juri illi l-konfiska tal-flejjes, jew proprjeta' mobbli jew immobbli mhix għażla mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena iżda hi ordni tassattiva imposta mill-liġi biex il-Qorti tordna l-konfiska.*

*Infatti l-kelma użata f"dan l-artikolu 22(3A), hi "għandha b'żieda ma kull piena oħra, fis-sentenza tagħha" ... "tordna l-konfiska" ...*

*Għalhekk kemm jekk il-Qorti tal-Maġistrati fil-Ġurisdizzjoni Kriminali tagħha sabet ħtija wara eżami tal-provi jew fuq ammissjoni tal-akkużat ma kien jagħmel ebda differenza għall-ordni ta" konfiska. U għalhekk il-leġislatur ipprovda li wara t-terminazzjoni tal-proċeduri fejn oltre l-piena tkun saret il-konfiska, il-persuna misjuba ħatja jew terza persuna interessata, tista" tavvali ruħha mill-proċedura speċjali msemmija fl-artikolu 22C biex tieħu lura l-oġġetti konfiskati jekk jiġu ppruvati l-estremi provduti fl-istess liġi.*

*(...)*

*F"dik il-proċedura, jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tiegħu fi grad biżżejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinħelsu mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbut ma" profitt jew dħul minn għemil ta" reat u għalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jagħmel il-prova tal-provenjenza leċita tal-proprjetà jew l-akkwist leċitu tagħha. Ladarba il-leġislatur ħaseb sabiex il-proċediment jinstema" minn Qorti ta" kompetenza ċivili u ladarba l-liġi stess tgħid li għal dan il-proċediment japplika l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta" Malta il-grad ta" prova rikjesta huwa dak tal-bilanċ ta' probabilitajiet viġenti fi proċedura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċediment penali ("***Abela vs Kummissarju tal-Pulizija***" – PA/JRM – 6 ta" Ottubru 2005).*

*Il-proċedura kontemplata bl-Art. 22C hija speċjali u tagħmel eċċezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet ħatja minn Qorti kompetenti ta" reat kontra l-Kap.101. Għalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet*

*ġenerali ta' dik il-liġi fejn si tratta tal-konfiska tal-ġid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jiġu mħarsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, għandha tingħata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgħa minn dak li ried il-leġislatur.*

*Jekk wara smigħ sommarju, il-Qorti tasal għall-fehma li t-talba tar-rikorrent għandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-ġid li jkun milqut b'dik id-deċiżjoni ma jibqax iżjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-saħħa tad-deċiżjoni nnfisha meta din issir ġudikat (Art. 22D) u dik id-deċiżjoni favorevoli titqies bħala trasferiment tat-titolu ta'dak il-ġid lura mill-Gvern għal għand ir-rikorrent [Art.22C(8)] kif preskritt. Il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li bis-saħħa tiegħu jsir is-sekwestru jidher li joħloq presunzjoni ("Abela vs Kummissarju tal-Pulizija" op. cit.) li l-ġid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attività kriminali tal-persuna li tkun. Dan jgħodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet ħatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F'dan il-kuntest, għalhekk il-piż tal-prova li dak il-ġid inkiseb b'mezzi leġittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn sempliċi dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu għejun jew risorsi oħra ta' għejxien."*

*Għalhekk, sabiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tiegħu, r-rikorrenti kien jeħtieġlu jressaq provi biex juru li l-ġid li għandu ma kienx ġej minn qligħ provenjenti mill-egħmil ta' reat taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li għalih nstab ħati r-rikorrenti."*

Ingħad ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Emmanuel Bajada u Eve Patricia Bajada f'isimha proprju u f'isem is-socjeta` Mayfair Holdings Limited. v. L-Avukat Generali ghall-Gvern ta' Malta**[6] dwar il-prova nkombenti fuq l-atttur:_

[6] 28 ta' Marzu, 2014 Appell Civili Numru. 1256/2009/1

*"Dwar il-fond fil-Qawra, il-konvenuti appellanti jissottomettu li dan gie akkwistat permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Mejju, 2004, u dan bi prezz ta' Lm55,000, u wara li l-atturi hadu self minn Bank ta' Lm50,000. Jirrizulta bhala fatt li l-att tal-akkuza fil-konfront tal-attur kienet tkopri z-zmien ta' bejn l-14 ta' Mejju, 2004, sat 13 ta' Mejju 2005, u dan il-kuntratt sar fil-perjodu kopert bl-att tal-akkuza, u cioe`, fil-perjodu li fih l-attur ammetta li agixxa bi ksur tal-Att 373 in kwistjoni. Din il-Qorti tara li fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, ma jistax jigi eskluz li l-akkwist ta' dik il-proprjeta` mhiex b'xi mod marbuta mar-reat. F'kazijiet ta' din ix-xorta, l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq l-attur izda dan, f'din il-procedura, ma ressaq ebda prova cara dwar id-dhul tieghu f'dan il-perjodu jew li kien impjegat b'xi salarju; ma weriex li l-hlasijiet lura tas-self li kien qed jaghmel kienu qed isiru minn dhul jew profitt lecitu. Darba jirrizulta li l-attur xtara fond fiz-zmien li kien involut f'attivita` illegali u li tikkoncerna money laundering, il-presunzjoni ghandha tkun li rikavat minn din l-attivita` intuza ghall-akkwist talfond, u dan sakemm l-istess persuna ma tippruvax, anke fuq bilanc ta' probabbiltajiet, il-provenjenza lecita tal-flus utilizzati ghal dak l-akkwist.*

*F'dan il-kaz, fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-prova ma saretx. Il-prova trid tkun wahda cara u konkludenti, anke jekk il-grad ta' perswazjoni huwa biss fuq bazi ta' probbabbilita`. L-attur ma tax spjegazzjoni konkludenti ta' minn fejn gab il-flus biex hallas il-Lm5000 fuq il-kuntratt u biex hallas il-pagamenti lill-bank ghas-self li nghata. Hu veru li fl-att tal-akkuza jinghad li r-rikavat mill-agir illecitu tal-attur kien ta' €4,192.87, u li nofshom gie utilizzat sabiex thallas kera ta' guest house mhux proprjeta tal-attur, pero` tibqa' nofs is-somma "unaccounted for", u jekk flus akkwistati illecitament jintuzaw ghall-akkwist ta' proprjeta` - anke b'zieda ta' flus bi provenjenza lecita – dik il-proprjeta` tibqa' soggetta ghall-konfiska. Biex proprjeta` tinheles minn ordni ta' konfiska, irid jirrizulta illi l-akkwist tal-istess proprjeta` ma hu b'ebda mod marbut jew relatat*

*ma' flus illeciti. Kif tghid il-ligi, jekk il-proprjeta` hija "b'xi mod" involuta fil-kummissjoni tar-reat jew akkwistata mid-dhul tal-attivita` illegali, il-konfiska trid tibqa' fis-sehh, u l-atturi f'din il-kawza ma rnexxielhomx juru li l-flus kollha indirizzati ghall-akkwist tal-fond ma gewx mill-attivita` illegali li taghha instab hati l-attur (tmexxija ta' zewg guest houses li kienu jintuzaw ghall-prostituzzjoni). Fuq kollox, mhux qed nitkellmu biss fuq il-quantum tar-reat, ghax l-attur irid jipprova l-provenjenza lecita tal-fond minnu mixtri, haga li ma ghamilx.*

*Dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti qieghed jigi ghalhekk, milqugħ."*

L-istess prinċipji japplikaw għal azzjonijiet bħal dik odjerna ntavolati ai termini tal-Kap 373.

Qabel tgħaddi biex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-assi mobbli u mmobbli tal-atturi li tagħhom qed jitolbu r-revoka tal-konfiska, l-Qorti tqis li għandha tirrileva *in primis* li l-ammont ta' €59,896 bħala rikavat mir-reati li tagħhom instabu ħatja l-atturi odjerni ġie kollu rifuż lis-soċjeta' Food Chain Ltd.

Kif irriżulta mill-atti[7], fil-11 t'April 2018 l-atturi ffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu mas-soċjeta' Food Chain Company Ltd għall-ħlas tas-somma ta' €60,000 b'rabta' ma' dak deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza surreferita tal-14 ta' Ġunju 2017. Kif dikjarat f'dak il-kuntratt stess, €50,000 tħallsu mal-iffirmar tal-kuntratt, u l-€10,000 rimanenti kellhom jitħallsu sal-10 ta' Mejju 2021.

[7] Fol 184 et seq

Kompla jirriżulta mix-xhieda ta' Dr Maria Karlsson[8], konsulent legali tas-soċjeta' Food Chain Services Ltd li eventwalment l-€10,000 rimanenti kienu tħallsu kollha mill-atturi u ma kien fadal ebda ammont dovut.

Ferm il-premess il-Qorti sejra tipproċedi bil-kunsiderazzjonijiet dwar l-assi mobbli u mmobbli li tagħhom qed tintalab ir-revoka tal-konfiska -

**1. <u>L-appartament numru 3, Mandalay Court, Triq Ħaż-Żebbuġ, Attard</u>**

Peress li l-akkużi li tagħhom instabu ħatja l-atturi odjerni kienu marbuta mal-perjodu ta' Ottubru 2012 u fis-snin ta' qabel, **dan jikkonċidi maż-żmien li fih inxtara l-fond.**

Dan il-fond inxtara mill-atturi konġuntivament permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Frar 2012 għall-prezz ta' €130,000[9]. B'rabta max-xiri ta' dan l-appartament l-atturi ħadu self mill-Bank ta' €105,000 b'pagament mensili ta' €495. Kif xehdet ir-rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc[10], il-pagamenti fuq is-self kienu qed isiru mill-atturi għal xahar arretrati.

L-akkużi jirrisalu għax-xahar t'Ottubru 2012 u s-snin ta' qabel. Mill-*employment history* ta' Joanne Cutajar[11] jirriżulta li mill-2007 sal-2012 hija kienet dejjem impjegata fuq kemm fuq bażi full-time u anke part-time. Għal kull bon fini tixhed ukoll u dan mhux kontradett li wara li kellha t-tarbija, ftit żmien qair wara, tgħid ħames xhur mill-wild hi reġgħet bdiet taħdem.[12]

[8] Fol 1016a et seq
[9] Fol 198 et seq
[10] Fol 143C
[11] Fol 181
[12] Ara affidavit folio 218

Inoltre, nġiebet prova li għall-ħabta tas-sena 2008, fl-istess żmien meta l-attriċi kienet għaddejja minn proċeduri ta' annullament, hi u l-eks żewġha Volkan Sinop biegħu lil ċertu Darren Scicluna sehemhom minn *internet cafe* li huma kienu joperaw ġewwa San Pawl il-Baħar. Għal dan it-trasferiment huma tħallsu s-somma ta' €69,881.20 (Lm30,000) bħala *key money* li minnha l-attriċi ħadet €34,960.60 (Lm15,000). Dwar dan xehdu b'mod konsistenti kemm l-attriċi kif ukoll Volkan Sinop u Darren Scicluna. Anzi Darren Scicluna, estraneju għar-relazzjoni bejn Joanne Cutajar u Volkan Sinop, jixhed li dan il-flus tahom lil Sinop u Cutajar nofs bin-nofs għax bħala relazzjoni ta' bejniethom huma kienu wasslu fl-aħħar.[13]

Minn naħa tiegħu l-attur xehed li kien ilu jaħdem sa minn meta kellu sbatax -il sena u semma l-postijiet tax-xogħol fejn kien impjegat. Ġew esebiti xi *payslips* ta' meta kien jaħdem ma' Kentucky Operations Ltd għas-snin 2011 u 2012 fejn kien jaqla paga gross ta' circa €1,200 u €1,300 fix-xahar[14].

Għas-snin sussegwenti mill-2013 sal-2019 l-attur esebixxa diversi FS3s b'rabta mal-impjieg tiegħu ta' sensar fil-proprjeta' fejn il-paga gross f'sena kienet hekk-

Sena 2013 - €8,366
Sena 2014 - €14,497
Sena 2015 - €18,001
Sena 2016 - €18,305
Sena 2017 - €18,160
Sena 2018 - €18,251
Sena 2019 - €20,173

[13] Seduta 29/09/2021
[14] Fol 192 et seq

Mis-suespost, il-Qorti tqis li ġie pruvat sal-grad rikjest mill-liġi, li kemm qabel, waqt u anke wara l-perjodu relattiv għar-reati in kwistjoni, l-atturi kellhom biżżejjed introjtu leċitu li bih setgħu jiffinanzjaw ix-xiri tal-fond imsemmi nkluż il-pagamenti fuq is-self meħud mill-Bank.

Il-Qorti torbot dan ukoll mal fatt li Brian Butiigieg kien anke riċeventi ta' introjtu minn bejgħ ta' propjetajiet immobbli oħra qabel ma nxtrat id-dar *de quo agitur* li hu biegħ bi profit. Dan jirriżulta mir-rapport ta' Dr. Stagna Navarro fir-relazzjoni tiegħu tal-kompodju ta' l-assi redatt fil-konfront ta' Buttigieg.[15]

**Għalhekk it-talba tal-atturi dwar dan l-appartament ser tintlaqa'.**

**2. <u>Il-vettura Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni EBT 401</u>**

Din il-vettura ġiet reġistrata f'isem l-attriċi Joanne Cutajar fit-12 ta' Ġunju 2013[16]. Kwindi l-vettura nxtrat <u>wara</u> ż-żmien li matulu ġew addebitati r-reati lill-atturi odjerni.

Inoltre jirriżulta li ftit xhur qabel u ċioe' fit-22 ta' Frar 2013 l-attriċi kienet biegħet vettura oħra tal-marka Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni BBW286.

Dan kollu, b'żieda mal-introjti leċiti tal-atturi li ssemmew fis-suespost, jikkonvinċu lill-Qorti fuq bażi ta' probabilta' li din il-vettura in kwistjoni ma nxtratx b'rikavat provenjenti mir-reati kommessi mill-atturi.

**Għalhekk it-talba tal-atturi dwar din il-vettura ser tintlaqa'.**

---

[15] Folio 207
[16] Fol 144

3. <u>**Il-vettura Seat Cordoba bin-numru ta' reġistrazzjoni DBG-232**</u>

Din il-vettura ġiet reġistrata f'isem l-attur Brian Buttigieg fit-8 ta' Mejju 2000[17].

B'hekk ix-xiri ta' din il-vettura seħħ bosta snin qabel il-perjodu rilevanti għal fini tar-reati in kwistjoni. Inoltre, l-attur xehed[18] li huwa kien ħallas din il-vettura kompletament sas-sena 2005.

**Għalhekk it-talba tal-atturi dwar din il-vettura ser tintlaqa'.**

**Konsegwentement ser tilqa' t-tielet talba tal-atturi u ser tordna r-revoka tal-ordni ta' konfiska fuq il-proprjeta' msemmija. Ser tintlaqa' wkoll ir-raba' talba.**

**Għall-istess raġunijiet ser jiġu miċħuda l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju konvenut.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tal-atturi;**

---

[17] Fol 151
[18] Fol 191

**3. Tilqa' t-tieni talba tal-atturi u tiddikjara li l-assi mobbli u mmobbli kkonfiskati u ċioe' l-appartament numru 3, Mandalay Court, Triq Ħaż-Żebbuġ, Attard; il-vettura Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni EBT 401 u l-vettura Seat Cordoba bin-numru ta' reġistrazzjoni DBG-232, liema konfiska ġiet konfermata permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ta' nhar il-25 ta' Frar 2020, ma humiex profitti jew qliegħ mill-għemil ta' xi reat taħt l-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas proprjetà akkwistata direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk u dan ai termini tal-Artikolu 3 et seq tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**4. Tilqa' t-tielet talba tal-atturi u tirrevoka fil-konfront taghhom l-ordni ta' konfiska tal-assi mobbli u mmobbli appena msemmija;**

**5. Tilqa' r-raba' talba u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lid-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet;**

**6. Peress li din il-proċedura hija riżultat tal-applikazzjoni tal-liġi għar-reati li tagħhom instabu ħatja l-atturi, għandhom ikunu l-istess atturi in solidum li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż ta' din il-kawża.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ**